MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Numru 1327/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**DENNIS (THEODOSIUS) BALDACCHINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Dennis (Theodosius) Baldacchino ta' 46 sena bin Emanuel u Eva nee' Micallef, imwielda Pieta' fit-3 ta' Lulju 1963 u joqghod 'Casa Baldacchino', Triq ir-Ramla, Naxxar. I.D Card No. 396663(M)

Billi gie akkuzat talli, fl-10 ta' Novembru 2006 ghal habta ta' xi 2.20 pm bhala direttur u persuna responsabli tal-kumpanija, 'Tal-Maghatab Construction Ltd.' waqt xoghol

ta' kostruzzjoni li kien qed isir f' 'Delceppo Boat Yard', Kalkara, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna giehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Egal Mohammed Hasan Ta' Nazzjonalita Somala u fuq il-persuna ta' Milan Milapovic ta' Nazzjonalita Bulgara u dan bi ksur tal-artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-artikolu 533 (1) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputat Dennis (Theodosius) Baldacchino m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Dan il-kaz jirrigwarda korriment ta' zewg persuni li sofrew griehi ta' natura gravi fl-10 ta' Novembru 2006 waqt xoghol ta' kostruzzjoni li kien qed isir f'Delceppo Boat Yard, Kalkara.

L-akkuza migjuba kontra l-imputat  Dennis (Theodosius) Baldacchino bhala direttur u persuna responsabbli tal-kumpanija 'Tal-Maghatab Construction Ltd' nghatat a tenur tal-artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ewwel lok taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Kevin Gauci moghtija fis-Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010 fejn dan ix-xhud qal: "Jien Ufficjal tas-Sigurta' mal-Awtorita' tas-Sahha fuq ix-xoghol u nghid illi jiena fid-data tal-10 ta' Novembru 2006 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar kont gejt infurmat mill-Ghassa ta' Bormla li kien sehh incident gewwa Deleppo Boatyard fil-Kalkara. Jien mort fuq il-post flimkien mal-Kollega tieghi. Conrad Micallef u hemmhekk identifikajna li kienu wegghu zewg

persuni minhabba li kien ikkollassa hajt liema hajt kien qieghed jinghata l-konkos. Jiena ukoll hemmhekk gejt infurmat li kienet infethet Inkjesta Magisterjali. Peress illi x-xhieda kienu ttiehdu l-Isptar jiena ma hadt l-ebda xhieda dwar l-accident. Nghid illi fit-22 ta’ Jannar tas-sena 2007 jiena ppruvajt nikkuntatja l-persuni li kienu imwegghin pero’ jiena mbaghad kont gejt infurmat li dawn il-persuni kien m’ghadhomx residenti f’Malta u ghalhekk kienu telqu minn Malta.”

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Conrad Micallef li fis-Seduta tat-2 ta’ Marzu, 2010 qal: “Nghid jiena Occupational Officer mal-Awtorita’ dwar is-Sigurta’ fuq ix-xoghol. Nghid jiena fl-10 ta’ Novembru, 2006 flimkien mal-kollega tieghi Kevin Gauci konna gejna msejhin biex imorru Delceppo Boatyard Kalkara fejn kien sehh incident fejn kienu korrew zewg persuni. Nghid illi l-informazzjoni illi nghatajna illi dawn iz-zewg persuni kienu korrew meta kien qieghed inghata konkos lil hajt u dana l-hajt kien ikkollassa. Dawn iz-zewg persuni li korrew kienu ta’ nazzjonalita’ barranija. Nixtieq nghid illi jiena lil dawn il-persuni qatt ma kellimthom ghax kont gejt infurmat illi fil-fatt dawna l-persuni aktar tard wara l-incident kienu hallew il-pajjiz.”

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ PS849 Ivan Curmi li fis-Seduta tat-2 ta’ Marzu, 2010 qal: “Nghid illi fl-10 ta’ Novembru tas-sena 2006 jien kont gejt imsejjah biex immur fuq incident li kien site ta’ kostruzzjoni Delceppo Boat Yard Kalkara u dana ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar. Jiena kkonstatajt li hemmhekk kien qieghed jittella hajt tal-bricks u milli jidher skond kif gejt infurmat dawn kienu qeghdin jimlewh bil-konkos, dana sfronda u gie fuq xi haddiema li kienu certu Egal Muhammed Hasan li kien joqghod fl-Immigration Open Centre ta’ Hal Far u ukoll Milan Milovich Bulgaru li kien qieghed joqghod tas-Sliema u li l-indirizz tieghu qieghed indikat fl-okkorenza. Qieghed nesebixxi l-okkorenza li dahhaltha jiena u hija minni ffirmatha li qeghda tigi esebita u mmarkata bhala dok CP1.”

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti brani mir-Relazzjoni tal-Perit AIC Richard Aquilina (Dok RA) liema Relazzjoni tinsab fil-Proces Verbal esebit bhala Dok RB1: "Deskrizzjoni tal-post ta' l-incident:

Dan il-fond jikkonsisti f'bicca art kbira fejn kien sar paviment tal-konkos biex din l-art tintuza bhala "*Boatyard*". Fin-naha ta' wara kien hemm il-wicc tal-blat u quddiem kien qieghed jinbena hajt dobblu tal-*bricks* bil-mastizz tal-konkos.

Xhieda:

**Dennis Baldacchino**, *Managing Director* tal-"*Maghtab Construction*", qal li huma kienu waqqghu l-imhazen l-antiki u wara li taw l-art tal-konkos, kienu qed itellghu inforra mal-blat bhajt dobblu tal-*bricks*, immastizzjat bil-konkos. F'xi 2.40p.m. waqt li kien fuq xoghol iehor gie infurmat li l-hajt kien spara. Hu mar fuq il-post u sabu kif deher waqt l-access u sar jaf li kien weggha hafif Michael. Ix-xoghol kien qed jiehu hsiebu Malcolm Ciantar li kien isuq il-*Crane* ukoll.

**Malcolm Ciantar** qal li hu kien isuq il-*Crane* u jidderigi x-xoghol ukoll. Fl-10 ta' Novembru huma waslu fuq il-post f'xi 06.30 a.m. u f'xi 08.30 waslet l-ewwel bajla konkos u bdew ix-xoghol. Hu kien ordna lill-lavranti sabiex l-ewwel jimlew il-*bricks* bil-konkos u wara dan jimlew warajh u sabiex dan il-mili jinfirex. L-ewwel bajla spiccat f'xi 10.45 a.m., it-*truck* mar lura l-Maghtab u rega' lura f'xi 13.10 p.m. Hu qal lill-haddiema biex iferraw wara l-*bricks* u jimlew il-*bricks* li kien ghad baqa'. F'xi 2.45 pm kif kien qed jghid lil Daca biex jifrex ix-xoghol fit-tul u dak beda jaghmillu sinjal minn fuq il-hajt u battal il-bajla, ra l-hajt jaqleb il-barra. Daca qabad mal-bajla u Michael waqa' ghal isfel u ra li kellu d-demm f'geddumu. Hu nizzel lil Daca li kien fil-bajla u s-sidien tal-post sejhu l-ambulanza.

Konstatazzjonijiet li saru fuq il-post ta' l-incident:

Fin-naha ta' wara kien hemm wicc tal-blat pjuttost lixx u dan kien jasal sat-triq. Fin-naha tax-xellug kien hemm

bicca hajt tal-*bricks* gholja sbatax il-filata u bicca hajt iehor ta’ l-istess gholi fin-naha tal-lemin. Ma’ dan il-wicc tal-blat kien qieghed jinbena hajt dobblu tal-*bricks* imbieghed erba’ pulzieri mill-blat u wara l-hajt kien infirex il-*Membrane*. Medda ta’ erba’ u tletin metru u nofs (34.50m) minn dan il-hajt kienet cediet u sparat il-barra. Fin-naha tax-xellug, il-wicc tal-blat kien imcappas bil-konkos.

<u>Konkluzzjoni</u>:

It-tebgha tal-konkos fuq il-wicc tal-blat kienet gholja tnax il-filata u dan jindika li l-konkos ma kienx qieghed jinfirex matul il-hajt kollu biex dan setgha jaqghqad bil-mod. Il-hajt li kien imtella’ kien tal-*bricks* tad-disa’ pulzieri(9”) fejn kienu tqeghdu zewg *bricks* hdejn xulxin u cioe’ il-hajt kien dobblu tal-pied u nofs (1’6”) hxuna u l-ispazju ta’ bejn dan il-hajt u l-blat kien ta’ erba’ pulzieri, (4”).

Mit-tebgha li kienet tidher fuq il-wicc tal-blat, jidher li l-konkos kien imtella’ sa fuq u ghalhekk dan ezercita pressjoni qawwija u peress li kien hemm il-*Membrane* wara l-hajt, dik il-pressjoni qalbet medda hajt twila.

Ghalkemm tal-*crane*, (Malcolm Ciantar) qal li hu kien ordna biex il-konkos jinfirex, dan ma sarx. Malcolm, li kien qed jidderiegi x-xoghol, kien jopera l-*crane* u minn go fih ma setghax jara kemm kien qieghed jimtela’ wara l-hajt bil-konkos. Dan setgha jigi osservat u kkontrollat biss miz-zewg persuni li kienu fuq hajt ta’ pied u nofs (1’6”) hxuna, gholi ta’ sbatax (17) il-filata u b’ebda gharmar jew ilqugh.

Ix-xhieda taz-zewg haddiema, Michael u Daca baqghet ma nstemghetx ghax wara li l-Perit ordna diversi seduti u dan anke b’ittri registrati, fl-ahhar hu gie nfurmat li dawn iz-zewg persuni kienu telqu minn Malta.”

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghal Verbal tas-Seduta tal-11 ta’ Gunju, 2010 fejn Dr Chris Cardona u Dr Reuben Farrugia ghall-imputat iddikjaraw li d-Difiza mhux qeghda tikkontesta in-natura tal-griehi sofferti minn Milan Miapovic u Egal Mohammed Hassan soffrew griehi ta’

natura gravi fid-data tal-incident u cioe' fl-10 ta' Novembru, 2006.

Tosserva li minn dak li kkonkluda il-Perit AIC Richard Aquilina fir-Relazzjoni tieghu Dok RA (Ara Supra) jemergi li dak ordnat minn Malcolm Ciantar ma sarx u cioe' biex il-konkos jinfirex u li mit-tebgha li kienet tidher fuq il-wicc tal-blat, jidher li l-konkos kien imtella sa fuq u ghalhekk dan ezercita pressjoni qawwijja u peress li kien hemm il-*Membrane* wara l-hajt, dik il-pressjoni qalbet medda hajt twila. Skond il-Perit Tekniku, Malcolm, li kien qed jidderregi x-xoghol, kien qed jopera l-*crane* u minn go fih u ma setghax jara kemm kien qieghed jimtela wara l-hajt bil-konkos Dak setgha jigi osservat u kkontrollat biss miz-zewg persuni li kienu fuq il-hajt.

Pero' fl-istess Relazzjoni hem ukoll dikjarat fil-Konkluzzjni li <u>"Dawk kienu fuq il-hajt ta' pied u nofs ('6") hxuna, gholi ta' sbatax (17) il-filata u b'ebda gharmar jew ilqugh." (Sottolinjar tal-Qorti)</u>

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni guramentata moghtija minn Dennis Baldacchino quddiem il-Perit AIC Richard Aquilina fis-Seduta mizmuma mill-istess Perit fl-10 ta' Novembru 2010 (ara fol. 43 tal-Proces Verbal – DokRB1) "Jien *Managing Director* tal-"*Mghatab Construction*"."

Il-Qorti tirrimarka li fil-kapacita tieghu ta' Managing Director tal-imsemmija kumpanija hu kellu l-obbligu li jara l-armar u l-ilqugh kellhom ikunu hemm ghal fini ta' protezzjoni tas-sahha tal-haddiema sbatax il-filata b'pied u nofs (1'6") hxuna waqt xoghol ta' kostruzzjoni u cioe' f'sitwazzjoni ta' xoghol ta' perikolu. Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuza migjuba kontra l-imputat Dennis (Theodosius) Baldacchino tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Il-fatt li kien hemm kontributorieta' ta' terzi ghal dak li sehh ma' jezonerax lill-imputat mill-htija izda jista' jigi ikkunsidrat bhala fattur ta' mitigezza fil-piena, haga li l-Qorti sejra tikkunsidra.

Rat l-artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Dennis (Theodosius) Baldacchino hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-fedina penali tal-imputat u l-fattur tal-kontributorieta' ta' terzi (Ara Supra) tikkundanna lill-imputat Dennis (Theodosius) Baldacchino ghal-piena ta' Elf u seba' mitt Euro (Euro 1,700) multa.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Dennis (Theodosius) Baldacchino sabiex fi zmien xahar millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' erba mija u tlieta u erbghin Euro u erba' u tletin centezmi ta' Euro (Euro 443.34) rappresentanti spejjes inkorsi bil-hatra ta' esperti nominati fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------